# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 390/2011

## tad-19 ta' April 2011

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru [tat-trasportatur bl-ajru] li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 .

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri bagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni li hija rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista Komunitarja. L-informazzjoni rilevanti kienet ikkomunikata wkoll minn pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata abbażi ta' dan.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lit-trasportaturi bl-ajru kollha kkonċernati jew direttament jew, meta dan ma kienx prattikabbli, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandha tkun imsejsa d-deċiżjoni biex tiġi imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea jew biex jinbidlu l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposti fuq trasportatur bl-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat opportunità lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, sabiex iressqu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali quddiem il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam [tal]-avjazzjoni ċivili ([3]).

(5) L-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn uħud mill-Istati Membri.

(6) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' preżentazzjonijiet mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u mill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' assistenza teknika mwettqa fil-pajjiżi affettwati mir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie mgħarraf bit-talbiet għal iktar assistenza u kooperazzjoni tekniċi sabiex titjieb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jiġi solvut kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(7) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ġie mgħarraf ukoll bl-azzjonijiet ta' infurzar li ħadu l-EASA u l-Istati Membri sabiex jiżguraw arjunavigabbiltà u manutenzjoni kontinwi tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Unjoni Ewropea u operati minn trasportaturi bl-ajru ċċertifikati minn awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' pajjiżi terzi.

(8) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' wkoll il-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar il-kategorizzazzjoni tas-sejbiet tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa fil-qafas tal-Programm tal-UE tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("Safety Assessment of Foreign Aircraft", SAFA) u approva l-proposti tal-Aġenzija biex tiddaħħal kategorizzazzjoni ġdida ta' sejbiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-"English Language Profeciency" (ELP) tal-ICAO applikabbli għall-piloti, sabiex jiġi garantit li tinżamm il-konformità sħiħa mal-istandards tal-ELP mingħajr aktar dewmien. Skont din il-proposta, sejba tal-kategorija 2 għandha tiġi indikata f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-ELP iżda fejn l-istat li jkun ħareġ il-liċenzja jkun ressaq pjan ta' azzjoni lill-ICAO sabiex jiġi konformi. Barra minn hekk, sejba tal-kategorija 3 għandha tiġi indikata f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-ELP u fejn l-istat li jkun ħareġ il-liċenzja ma jkunx ressaq pjan ta' azzjoni lill-ICAO jew ikun innotifika li huwa konformi għal kollox meta fil-fatt ma jkunx qed jissodisfa dan ir-rekwiżit. Finalment, għandha tiġi reġistrata rimarka ġenerali (kategorija G) meta tkun tista' tiġi vverifikata l-konformità formali mal-istandards tal-ELP minkejja li l-komunikazzjoni waqt l-ispezzjoni tar-rampa tkun diffiċli ħafna minħabba n-nuqqas evidenti ta' għarfien tal-Ingliż min-naħa tal-piloti. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru aċċetta li jipprova japplika dawn il-proposti b'mod armonizzat. L-EASA impenjat ruħha li fi żmien qasir tippubblika dokumenti ta' gwida rilevanti.

(9) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru approva wkoll il-proposta tal-Aġenzija biex l-Istati Membri jistabbilixxu konnessjonijiet funzjonali mal-Fornituri tas-Servizzi ta'

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
([3]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

Navigazzjoni tal-Ajru biex dawn jirrapportaw il-problemi ta' komunikazzjoni li jkollhom mal-membri tal-ekwipaġġ tal-inġenji tal-ajru minħabba li l-piloti ma jkunux jafu biżżejjed l-Ingliż. Finalment, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru talab lill-EASA biex, fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat, tirrapporta dwar ir-riżultati tas-SAFA rigward l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-ELP għall-piloti u kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tal-kategorizzazzjoni proposta.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

**Ir-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea**

(11) Wara l-analiżi mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-informazzjoni li rriżultat mill-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA mwettqa fuq l-inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni, kif ukoll minn spezzjonijiet u verifiki speċifiċi għall-qasam imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar. Huma għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru b'dawn il-miżuri: fis-26 ta' Novembru 2010, Ċipru ddeċieda li jissospendi ċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) tat-trasportatur bl-ajru Eurocypria Airlines wara li dan waqaf jopera u minħabba n-nuqqas ta' mezzi finanzjarji tat-trasportatur bl-ajru sabiex jopera f'kundizzjonijiet sikuri; l-Italja ddeċidiet li fl-24 ta' Ottubru 2010 tissospendi l-liċenzja tat-trasport bl-ajru tat-trasportatur bl-ajru Livingston u fil-11 ta' Marzu 2011 tissospendi dik tat-trasportatur bl-ajru ItaliAirlines; il-Litwanja ddeċidiet li tirrevoka l-AOC tat-trasportatur bl-ajru Star 1 Airlines fil-11 ta' Novembru 2010; wara l-likwidazzjoni tat-trasportatur bl-ajru Blue Line u s-sospensjoni sussegwenti tal-liċenzja tal-operat tiegħu, Franza ddeċidiet li tissospendi l-AOC ta' dan it-trasportatur bl-ajru fis-6 ta' Ottubru 2010. Barra minn hekk, Franza ddeċidiet li ma ġġeddidx l-AOC ta' Strategic Airlines fis-16 ta' Settembru 2010; il-Greċja ddeċidiet li tirrevoka l-AOC ta' Hellas Jet f'Novembru 2010, issospendiet l-AOC ta' Athens Airways f'Jannar 2011, u poġġiet lill-Hellenic Imperial Airways taħt sorveljanza stretta; l-Isvezja ddeċidiet li ma ġġeddidx l-AOC tat-trasportatur bl-ajru Viking Airlines AB fil-31 ta' Diċembru 2010 u r-Renju Unit kien żied l-attività ta' sorveljanza tiegħu fuq it-trasportaturi bl-ajru Jet2.com, Oasis u Titan Airways.

*Il-Portugall*

(12) Wara l-analiżi tas-sitwazzjoni ta' ċerti trasportaturi bl-ajru liċenzjati fil-Portugall waqt il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li saret f'Novembru 2010 ([1]), l-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall (INAC) ipprovdew ir-riżultati tat-titjib fis-superviżjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru Luzair u White. Fir-rigward ta' Luzair, l-INAC irrapportaw li wara li kien bidel il-flotta, Luzair ġie sospiż fil-11 ta' Frar 2011. Fir-rigward ta' White, l-INAC irrapportaw li wettqu 29 spezzjoni fil-qasam tal-operazzjonijiet kif ukoll ħames (5) spezzjonijiet fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà, li ma sabu l-ebda nuqqas sinifikanti. Barra minn hekk, l-EASA rrapportat li t-trasportaturi bl-ajru kienu ġew spezzjonati f'Novembru 2010 u li f'ebda waħda miż-żewġ spezzjonijiet ma nstabu nuqqasijiet sinifikanti. Fid-dawl ta' tibdil ta' natura ġenerali fil-politika tal-kumpanija, żewġ inġenji tal-ajru tat-tip A320 bil-marki tar-reġistrazzjoni CS-TQO u CS-TQK tneħħew gradwalment fit-12 ta' Novembru 2010 and fit-22 ta' Frar 2011 rispettivament.

*Il-Ġermanja*

(13) Wara li l-EASA analizzat id-dejta mill-ispezzjonijiet tas-SAFA u wara li ġiet identifikata żieda fl-għadd ta' trasportaturi bl-ajru Ġermaniżi li mill-ispezzjonijiet tas-SAFA rriżulta li kellhom aktar minn sejba waħda ta' natura importanti għal kull spezzjoni, il-Kummissjoni nediet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja (Luftfahrtbundesamt – LBA) u għamlet laqgħa fl-10 ta' Marzu 2011.

(14) L-analiżi tal-kawżi ewlenin tal-prestazzjoni ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru żvelat punti dgħajfa partikolari fis-superviżjoni ta' dawn it-trasportaturi kif intwera direttament anki fi spezzjoni tal-istandardizzazzjoni mwettqa mill-EASA bejn is-26 u d-29 ta' Mejju 2009 fil-qasam tal-operazzjonijiet li ġibdet ukoll l-attenzjoni għan-numri insuffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat fi ħdan l-LBA, li b'hekk affettwa l-ħila tal-Ġermanja li tiżgura superviżjoni kontinwa u llimita l-ħila tal-LBA li żżid il-livell tas-superviżjoni fejn dan ikun meħtieġ.

(15) Is-sitwazzjoni partikolari ta' Bin Air, trasportatur bl-ajru ċċertifikat fil-Ġermanja, kienet diskussa fil-laqgħa tal-10 ta' Marzu fejn attenda t-trasportatur bl-ajru u għamel preżentazzjonijiet biex juri l-azzjonijiet li kien ħa sabiex jindirizza n-nuqqasijiet fis-sikurezza vverifikati li ġew identifikati waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja għarrfu lill-Kummissjoni bis-sospensjoni tal-AOC tat-trasportatur bl-ajru ACH Hamburg GmBH.

(16) Il-Ġermanja kkonfermat lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li l-AOC ta' ACH Hamburg GmbH baqa' sospiż u li s-sitwazzjoni għandha tiġi riveduta f'Marzu 2011, u li f'każ li sa dik id-data t-trasportatur bl-ajru ma jkun għamel l-ebda progress, l-AOC tiegħu jiġi rrevokat. Il-Ġermanja għarrfet ukoll li l-attivitajiet ta' superviżjoni li jikkonċernaw lit-trasportatur bl-ajru Bin Air kienu ġew intensifikati, li l-inġenju tal-ajru tat-tip Cessna C550, bil-marka ta' reġistrazzjoni D-IJJJ, tneħħa mill-AOC tat-trasportatur bl-ajru Advance Air Luftfahrtgesellschaft, u li l-LBA kienet intensifikat l-attivitajiet ta' superviżjoni tagħha ta' trasportaturi bl-ajru oħrajn li kisbu riżultati fqar waqt il-kontrolli tar-rampa li indikaw nuqqasijiet fis-sikurezza. L-LBA ddikjarat li kienet iċċarat lil dawn it-trasportaturi bl-ajru l-fatt li jekk ma jurux titjib, dan jista' jwassal għas-sospensjoni tal-AOC tagħhom.

(17) Mil-lat tan-nuqqas ta' persunal ikkwalifikat, il-Ġermanja għarrfet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li fl-2011 is-sitwazzjoni mhux se titjieb. Madankollu, kien inbeda eżerċizzju ta' verifika tar-riżorsi ta' persunal tal-LBA li

([1]) Premessa (13) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2010, ĠU L 306, 23.11.2010, p. 45.

għandu jitlesta sar-rebbiegħa tal-2011, u għaldaqstat, huwa mistenni li mill-2012 jibda jsir xi titjib fis-sitwazzjoni tal-persunal.

(18) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw l-isforzi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja għamlu biex jeliminaw in-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati ta' ċerti trasportaturi bl-ajru, u x-xogħol li qiegħed isir biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' riżorsi ta' persunal fl-LBA. Madankollu, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li, mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' infurzar mogħtija lilha mit-Trattat, jekk dawn l-azzjonijiet ma jkunux effikaċi biex itejbu l-prestazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Ġermanja, ikollha tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li r-riskji għas-sikurezza identifikati jkunu ġew ikkontrollati kif xieraq.

*Spanja*

(19) Wara li l-EASA analizzat id-dejta mill-ispezzjonijiet tas-SAFA u wara li ġiet identifikata żieda fl-għadd ta' trasportaturi bl-ajru Spanjoli li mill-ispezzjonijiet tas-SAFA rriżulta li kellhom aktar minn sejba waħda ta' natura importanti għal kull spezzjoni, il-Kummissjoni nediet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja (AESA) u għamlet laqgħa fl-14 ta' Marzu 2011.

(20) Is-sitwazzjoni partikolari ta' Flightline, trasportatur bl-ajru ċċertifikat fi Spanja, kienet diskussa waqt il-laqgħa. It-trasportatur bl-ajru attenda għal din il-laqgħa u għamel preżentazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda sabiex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati li ġew osservati waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA. Barra minn hekk, it-trasportatur bl-ajru ta d-dettalji tal-azzjonijiet li ttieħdu wara l-aċċident li seħħ lil inġenju tal-ajru tat-tip Fairchild Metro 3, bir-reġistrazzjoni EC-ITP. Flightline spjega li kien daħal f'arranġament kummerċjali mal-kumpanija Air Lada, li mhix trasportatur bl-ajru ċċertifikat, sabiex jopera żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Fairchild Metro 3, bir-reġistrazzjonijiet EC-GPS u EC-ITP, bl-użu ta' piloti pprovduti minn Air Lada. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni ta' Flightline għall-fatt li l-istess inġenju tal-ajru qabel kien qed jopera taħt l-AOC ta' Eurocontinental, trasportatur bl-ajru ieħor iċċertifikat fi Spanja, u li minħabba l-ispezzjonijiet tas-SAFA kif ukoll inċidenti sinifikanti fil-qasam tas-sikurezza bl-operat ta' dawn l-inġenji tal-ajru, l-AESA kienu ssospendew l-AOC ta' Eurocontinental.

(21) Flightline iddikjara li huwa kien wettaq it-taħriġ ta' konverżjoni kollu meħtieġ tal-piloti u li kien wettaq kontrolli tal-kwalità tal-operat tal-inġenji tal-ajru fl-Isle of Man. Il-Kummissjoni talbet iktar dettalji dwar il-pjan ta' azzjonijiet korrettivi tat-trasportatur bl-ajru u kopji tar-rapporti tal-verifika interna tal-operat tal-Fairchild Metro 3. Wara li rċeviet l-informazzjoni fit-22 ta' Marzu, il-Kummissjoni stiednet lit-trasportatur bl-ajru Flightline biex jagħmel preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

(22) Waqt il-laqgħa tal-14 ta' Marzu 2011, l-AESA għarrfu lill-Kummissjoni li ddeċidew li jillimitaw l-AOC ta' Flightline sabiex ma jitħalliex jopera l-Fairchild Metro 3s, u li kienu taw bidu għall-proċess sabiex ikun sospiż l-AOC.

(23) Il-Kummissjoni stiednet lill-AESA sabiex jipprovdu iktar kjarifiki dwar l-azzjoni ta' infurzar li tikkonċerna erba' trasportaturi bl-ajru oħrajn iċċertifikati fi Spanja li ġew identifikati mill-EASA bħala li kellhom riżultati mhux sodisfaċenti min-naħa tas-SAFA. Sussegwentement, fit-28 ta' Marzu 2011, l-AESA għarrfu lill-Kummissjoni li, minn verifiki reċenti tat-trasportaturi bl-ajru Air Taxi and Charter International, u Zorex, irriżulta li kien hemm diskrepanzi sinifikanti fis-sikurezza u, għalhekk, inbdiet proċedura biex jiġu sospiżi l-AOC taż-żewġ trasportaturi bl-ajru. Fil-każ tat-trasportatur bl-ajru Jetnova, l-AESA qed jistennew x'azzjonijiet se jieħu t-trasportatur bl-ajru biex jindirizza s-sejbiet speċifiċi li għamlu l-AESA u jekk dawn l-azzjonijiet ma jkunux biżżejjed, l-AESA jibdew proċedura għas-sospensjoni tal-AOC tiegħu. Fil-każ tat-trasportaturi bl-ajru Aeronova, Tag Aviation u Alba Star, l-AESA kienu se jkomplu bis-superviżjoni tagħhom, iżda ddeċidew li f'dan l-istadju mhux meħtieġ li jittieħdu azzjonijiet regolatorji speċifiċi. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru semal-każ tat-trasportatur bl-ajru Flightline fil-5 ta' April 2011. L-AESA għarrfu lill-Kumitat li kienu introduċew proċeduri riveduti biex itejbu l-kontroll operattiv tat-titjiriet ta' Flightline, b'mod partikolari dawk li jsiru 'l barra mill-bażi prinċipali tagħhom, li kienu emendaw il-Manwal tal-Operat tagħhom biex jinkludi gwida dwar l-użu altern ta' ajrudromi, li kienu emendaw il-programm ta' taħriġ tagħhom biex isaħħu l-għarfien tal-piloti dwar il-proċeduri tal-operat, u li kienu rrivedew il-proċeduri tagħhom għall-għażla tal-piloti.

(24) Spanja għarrfet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li b'segwitu għad-diskrepanzi li sabu waqt l-ispezzjonijiet ta' Flightline, fl-14 ta' Marzu 2011 l-AESA bdew proċeduri għas-sospensjoni tal-AOC ta' Flightline u li kienu daħħlu miżuri ta' prekawzjoni biex jindirizzaw it-tħassib urġenti dwar is-sikurezza. L-AESA kkonfermaw li, sussegwentement, Flightline kien ħa azzjoni biex jindirizza it-tħassib urġenti dwar is-sikurezza u li kien ippreżentalhom Pjan ta' Azzjonijiet Korrettivi li l-AESA kienu qed jevalwaw.

(25) Fid-dawl tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja biex jeliminaw in-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati ta' Flightline u ta' trasportaturi bl-ajru Spanjoli oħra, ġie deċiż li f'dan l-istadju mhux meħtieġ li jittieħdu aktar azzjonijiet. Madankollu, il-Kummissjoni enfasizzat li jekk dawn l-azzjonijiet ma jkunux effikaċi biex itejbu l-prestazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fi Spanja, ikollha tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li r-riskji għas-sikurezza identifikati jkunu ġew ikkontrollati kif xieraq. Sadanittant, il-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni tal-EASA, se tkompli tommonitorja l-prestazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru Spanjoli mil-lat tas-sikurezza.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Angola**

(26) L-INAVIC irrapportat li kien sar iktar progress biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet li kien fadal, li ġew identifikati mill-ICAO fil-missjoni tagħha fuq il-post f'Jannar 2010. B'mod partikolari, l-INAVIC qed tkompli taġġorna r-regolamenti dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Angola biex jirriflettu l-aħħar emendi fl-istandards tal-ICAO, qed tkompli ssaħħaħ il-kapaċità tagħha, qed tagħmel progress

fiċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi bl-ajru skont dawk ir-regolamenti, u qed tkompli tikkonsolida l-programm ta' sorveljanza tagħha.

(27) Fir-rigward tas-superviżjoni ta' TAAG Angolan Airlines, l-INAVIC ikkonfermat l-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2011: f'Diċembru 2010, żewġ inġenji tal-ajru B777 operati minn TAAG kienu involuti f'żewġ inċidenti serji fil-Portugall u fl-Angola, fejn il-ħsara ma kinetx limitata għall-magna. Wara r-riżultati preliminari tal-investigazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall, f'dan l-istadju, deher li kemm it-trasportatur bl-ajru kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti kienu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jindirizzaw il-kawżi identifikati fir-rigward tal-manifattur u sabiex jipprevjenu li dan jerġa' jiġri darba oħra. L-operazzjonijiet issa reġgħu bdew, inkluż lejn l-UE, taħt programm ta' sorveljanza mtejjeb bi ftehim mal-manifattur.

(28) L-INAVIC għarrfet li matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, l-attivitajiet ta' superviżjoni ta' ċerti trasportaturi bl-ajru żvelaw tħassib dwar is-sikurezza u ksur tar-regolamenti dwar is-sikurezza fis-seħħ, li wasslu lill-INAVIC sabiex tieħu l-azzjonijiet ta' infurzar xierqa. Instab li kien hemm sitt trasportaturi bl-ajru li ma kinux konformi mar-regolamenti dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Angola: AIR GEMINI, SERVISAIR, ALADA, RUI & CONCEICAO, PHA u SAL. B'mod partikolari, l-INAVIC ipprovdiet evidenza li l-AOC tagħhom kien skada u ma ġiex imġedded jew ġie rrevokat. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, dawn it-trasportaturi għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(29) L-INAVIC indikat ukoll li l-AOC taż-żewġ trasportaturi bl-ajru, ANGOLA AIR SERVICES u GIRA GLOBO, ġew sospiżi. Sakemm titressaq evidenza ta' kapaċità teknika biex il-proċess ta' ċertifikazzjoni jkun ikkompletat b'mod sodisfaċenti sal-15 ta' April 2011, abbażi tal-kriterji komuni, huwa deċiż li dawn it-trasportaturi għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(30) L-INAVIC indikat li kienet iċċertifikat mill-ġdid ħames trasportaturi bl-ajru skont ir-Regolamenti dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Angola: SONAIR Air Services f'Diċembru 2010, AIR26 fil-31 ta' Jannar 2011, HELI-MALONGO Aviation Services of Angola, AEROJET, AIRJET u HELIANG fil-15 ta' Frar 2011. Madankollu, sa llum, ma ngħatat ebda evidenza verifikata li kienu twettqu biżżejjed investigazzjonijiet qabel ma nħarġu dawn l-AOC il-ġodda, u lanqas li t-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza identifikat mill-ICAO fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru fl-Angola kien ġie eliminat b'mod effikaċi. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(31) L-INAVIC indikat ukoll li hija kienet iċċertifikat trasportatur bl-ajru ġdid: FLY540 fil-31 ta' Jannar 2011. Madankollu, sa llum, ma ngħatat ebda evidenza verifikata li kienu twettqu biżżejjed investigazzjonijiet qabel ma nħarġu dawn l-AOC il-ġodda u lanqas li t-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza identifikat mill-ICAO fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru fl-Angola kien ġie eliminat b'mod effikaċi. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi għandhom jitqiegħdu fl-Anness A.

(32) Fl-aħħar nett, l-INAVIC irrapportat li erba' trasportaturi bl-ajru kienu għadhom fil-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid: DIEXIM, AIRNAVE, GUICANGO u MAVEWA. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, li kien mistenni li jiġi kkompletat sa tmiem l-2010, ittardja sal-15 ta' April 2011, data meta l-INAVIC indikat li dawk it-trasportaturi għandhom jieqfu joperaw jekk ma jkunux ġew iċċertifikati mill-ġdid skont ir-regolamenti dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Angola. Sakemm jiġi konkluż dan il-proċess, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi bl-ajru u t-trasportaturi bl-ajru oħra taħt ir-responsabbiltà regolatorja tal-INAVIC għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(33) Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-INAVIC biex tiffinalizza ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi bl-ajru tal-Angola b'determinazzjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa għat-tħassib potenzjali dwar is-sikurezza li ġie identifikat f'dan il-proċess. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll lill-INAVIC sabiex tikkoopera b'mod sħiħ mal-ICAO ħalli jiġi kkonvalidat il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi, inkluż, jekk dan ikun possibbli u kif ikun xieraq, permezz ta' missjoni fuq il-post (ICVM – Missjoni Kkoordinata ta' Validazzjoni tal-ICAO).

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Kambodja**

(34) B'referenza għall-aħħar rapport tagħhom dwar is-sitwazzjoni fir-Renju tal-Kambodja ([1]), l-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja (SSCA) għarrfu li l-azzjonijiet ta' infurzar imwettqa sabiex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati matul il-verifiki tal-ICAO wasslu għar-revoka taċ-Ċertifikati ta' Operatur tal-Ajru (AOC) kollha li kienu nħarġu lit-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fir-Renju tal-Kambodja fi żmien il-verifika tal-ICAO.

(35) B'mod partikolari, huma kkonfermaw li l-AOC ta' Siem Reap International Airways kien irrevokat fl-10 ta' Ottubru 2010. Abbażi tal-kriterji komuni, huwa deċiż li dan it-trasportatur bl-ajru għandu jitneħħa mill-Anness A.

(36) L-EASA rrapportat dwar il-missjoni ta' assistenza teknika mwettqa f'Jannar 2011 sabiex jingħata appoġġ lill-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju tal-Kambodja. L-EASA kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja għamlu progress sinifikanti ħafna fis-soluzzjoni tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO. B'mod partikolari, huma rristrutturaw kompletament il-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni u l-proċeduri interni għas-superviżjoni inizjali u kontinwa tal-impriżi, u dan iwitti t-triq għal superviżjoni skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti magħmula mis-SSCA sabiex ikun hemm konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u tirrikonoxxi l-importanza tal-azzjonijiet ta' infurzar li ttieħdu f'dak ir-rigward.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 590/2010 tal-5.7.2010, ĠU L 170, 6.7.2010, p. 12.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(37) It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità u huma elenkati fl-Anness A. Hemm evidenza vverifikata li fis-7 ta' Jannar 2011, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ħarġu Liċenzja tal-Operat bl-Ajru lit-trasportatur bl-ajru Korongo Airlines.

(38) Il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sabiex tikseb kjarifiki dwar is-sitwazzjoni ta' dan it-trasportatur bl-ajru u dwar il-kundizzjonijiet tas-superviżjoni tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo naqsu milli jagħtu tweġiba.

(39) Peress li ma hemm l-ebda evidenza li kien hemm xi bidla fil-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sabiex ikun żgurat li s-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati f'dak l-Istat tkun konformi mal-istandards tas-sikurezza applikabbli, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li Korongo Airlines għandu jiġi miżjud mal-Anness A.

**Trasportaturi bl-ajru mill-Ġeorġja**

(40) Teżisti evidenza vverifikata ta' diversi nuqqasijiet serji ta' konformità, kif żvelat minn spezzjonijiet fir-rampa li saru mis-SAFA ([1]) fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru rreġistrati fil-Ġeorġja. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja (United Transport Administration - UTA) ippreżentaw informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' infurzar li ttieħdu fuq l-AOC ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kif ukoll fuq trasportaturi tal-ajru oħra. Skont din l-informazzjoni, dawn l-AOC ġew irrevokati: LTD Eurex Airline u JSC Tam Air ġew irrevokati fl-24 ta' Novembru 2010, LTD Sky Way u LTD Sakaviaservice ġew irrevokati fid-29 ta' Novembru 2010, LTD Jav Avia ġie rrevokat fit-18 ta' Jannar 2011, LTD Carre Aviation Georgia ġie rrevokat fit-8 ta' Frar 2011, LTD Air Batumi ġie rrevokat fis-17 ta' Marzu 2011 u LTD Air Iberia ġie rrevokat fl-4 ta' April 2011. L-AOC ta' LTD Sun Way skada fit-3 ta' Frar 2011 u ma ġiex imġedded.

(41) Hemm evidenza vverifikata ta' aċċidenti u inċidenti li seħħew lil diversi trasportaturi bl-ajru mill-Ġeorġja. Din tinkludi l-aċċident tal-inġenju tal-ajru tat-tip Ilyushin 76TD bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-GNI li kien operat minn Sun Way u li seħħ f'Karachi, il-Pakistan fit-28 ta' Novembru 2010 u l-aċċident reċenti tal-inġenju tal-ajru tat-tip Canadair CL 600 bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-GAE li kien operat minn Georgian Airways u li seħħ f'Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo fl-4 ta' April 2011 Teżisti wkoll evidenza ta' nuqqas ta' konformità fis-sikurezza relatata ma' inġenji tal-ajru rreġistrati fil-Ġeorġja li ġew importati minn pajjiżi li t-trasportaturi bl-ajru tagħhom kienu soġġetti għal projbizzjoni ta' operat fl-Unjoni Ewropea.

(42) Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat din l-evidenza msemmija hawn fuq, iltaqgħet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja fit-22 ta' Marzu 2011. L-UTA ppreżentaw dokumentazzjoni addizzjonali fit-22, 25, 28 u 29 ta' Marzu 2011. Din id-dokumentazzjoni indikat li mill-15 ta' April 2011 għandha tiġi stabbilita Aġenzija tal-Avjazzjoni Ċivili ġdida u indipendenti, u li għadd ta' inġenji tal-ajru tneħħew mir-reġistru ([2]) b'konsegwenza tar-reviżjoni tar-"Regoli għar-reġistrazzjoni tal-istat u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà lil inġenji tal-ajru ċivili ta' Ġeorġja" li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

(43) Fil-5 ta' April 2011, l-UTA għamlu preżentazzjonijiet orali lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru. Waqt din il-preżentazzjoni, l-UTA kkonfermat li kien ġie rrevokat għadd ta' ċertifikati ta' operaturi tal-ajru u li disgħa u għoxrin mid-disgħa u sebgħin inġenju tal-ajru li jidhru fuq ir-reġistru tal-istat tneħħew minn fuq dan ir-reġistru. Barra minn hekk, l-UTA taw informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi li ġew implimentati minħabba r-riżultati tal-verifika tal-USOAP tal-ICAO li twettqet fl-2007, u ppreżentaw programm ta' riforma li jinkludi l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni mal-acquis tal-UE li tirriżulta mill-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni. Dawn l-isforzi jgawdu l-appoġġ ta' diversi inizjattivi, fosthom, programm ta' ġemellaġġ u assistenza teknika lill-UTA fil-qafas tal-programm TRACECA (Transport Corridor Europe-Caucasus-Asia).

(44) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw il-progress li għamlu l-UTA, ir-rieda tagħhom li jipprovdu informazzjoni trasparenti u li jikkooperaw mill-qrib biex jeliminaw in-nuqqasijiet u li fil-ġejjieni qrib huwa mistenni li jkun hemm aktar riformi. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja biex tgħinhom fl-isforzi tagħhom biex jimmodernizzaw is-sistema tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili tagħhom.

([1]) In-numri tal-ispezzjonijiet tas-SAFA: Nru AESA-E-2010-255; Nru AESA-E-2010-328; Nru BCAA-2010-134; Nru CAA-NL-2010-20; Nru. DGAC/F-2010-1024; Nru. DGAC/F-2010-1708; Nru. MOTLUX-2010-19.

([2]) Dawn l-inġenji tal-ajru tneħħew mir-reġistru fil-perjodu 13.8.2010 - 23.3.2011: żewġ AN-12 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-GLU u 4L-FFD u erba' IL-76 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-FFG, 4L-GLP, 4L-GLX, 4L-FFE operati minn Sky Way; żewġ IL-76 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-GLR u 4L-GLK u żewġ AN-12 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-GLT u 4L-GLN operati minn Saqaviaservice; tliet IL-76 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-GLM, 4L-MGC u 4L-MGM operati minn Sun Way; IL-76 wieħed bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-AWA operat minn Air West; tliet AN-12 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-IRA, 4L-HUS u 4L-VAL operati minn Air Victor Georgia; AN-12 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-PAS operat minn Transaviaservice; AS-350B3 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-GGG operat minn Aviaservice; AN-28 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-28001 operat minn Georgian Aviation University; YAK-40 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-AAK operat minn Tam Air; B-737 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-TGM operat minn Georgia Airways; AN-26 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-JAV operat minn Jav Avia; AN-12 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-BKN operat minn Fly Adjara; żewġ AN-26 bin-numri ta' reġistrazzjoni 4L-GST u 4L-GSS operati minn Carre Aviation Georgia; B-747 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L-KMK operat minn Eurex Airlines; SAAB 340 wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L – EUI operat minn Georgian International Airlines u MI – 8T wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni 4L –BGA operat minn Tisheti.

(45) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet fir-rampa li jsiru fuq inġenji tal-ajru ta' trasportaturi bl-ajru rreġistrati fil-Ġeorġja biex tiġi vverifikata l-konformità effettiva tagħhom mal-istandards ta' sikurezza rilevanti jiġu intensifikati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008 [1] sabiex tinħoloq bażi li dan il-każ ikun jista' jerġa' jiġi evalwat fuqha waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Indoneżja**

(46) B'referenza għar-Regolament Nru 590/2010 [2], il-Kummissjoni kompliet attivament il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja dwar l-azzjonijiet imwettqa minnhom sabiex itejbu s-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Indoneżja u sabiex jiżguraw konformità mal-istandards tas-sikurezza applikabbli.

(47) L-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (DGCA) ipparteċipaw f'vidjokonferenza mal-Kummissjoni fil-11 ta' Marzu 2011 u għarrfu li t-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fl-Indoneżja, ħlief Wing Air, kienu għaddew minn proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid. Id-DGCA għarrfu ukoll li 9 % tal-flotta tal-inġenji tal-ajru li joperaw fl-Indoneżja biss kien għad fadlilha tiġi mgħammra bit-tagħmir meħtieġ tal-ICAO, li d-DGCA kienu ħarġu eżenzjoni li tippermetti l-operazzjonijiet sa tmiem l-2011 u li l-inġenji tal-ajru li ma kinux se jkunu mgħammra bl-imsemmi tagħmir wara din id-data ma kinux se jitħallew itiru.

(48) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru josserva dawn l-iżviluppi u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja biex iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu s-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà regolatorja tagħhom.

(49) Id-DGCA talbu t-tneħħija tat-trasportaturi bl-ajru għall-merkanzija biss Cardig Air, Republic Express, Asia Link u Air Maleo, u pprovdew evidenza dokumentata li turi li l-operazzjonijiet ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru kienu limitati għall-merkanzija biss u kienu jeskludu l-ġarr ta' passiġġieri, u li dawn l-awtoritajiet ħadu azzjonijiet ta' infurzar xierqa biex jillimitaw l-AOC tagħhom tant li jeskludu titjiriet lejn u barra mill-Unjoni Ewropea.

(50) Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa deċiż li t-traportaturi bl-ajru Indoneżjani Cardig Air, Republic Express, Asia Link u Air Maleo għandhom jitneħħew mill-Anness A.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Iżrael**

*Sun D'Or*

(51) Wara li l-EASA analizzat ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa fuq inġenji tal-ajru li ilhom operati fl-UE sa mill-2008 mit-trasportatur bl-ajru Sun D'Or iċċertifikat fl-Iżrael, liema analiżi żvelat nuqqasijiet fil-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza ripetuti u serji, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Iżrael u semgħet lit-trasportatur bl-ajru fis-16 ta' Marzu 2010. Il-konsultazzjonijiet żvelaw li t-trasportatur bl-ajru ma kienx iċċertifikat b'mod xieraq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Iżrael peress li kellu AOC minkejja l-fatt li ma kienx kapaċi juri li seta' jiżgura l-operat sikur tal-inġenji tal-ajru ajrunavigabbli li joperaw taħt ir-responsabbiltà tiegħu (il-kontroll tal-manutenzjoni u tal-operazzjonijiet ma sarux filkumpanija). Barra minn hekk, il-kumpanija ma kinitx kapaċi turi li kienet stabbiliet azzjonijiet rimedjali u korrettivi xierqa sabiex tipprovdi għal soluzzjonijiet sostenibbli għad-diversi sejbiet li ġew identifikati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA. B'hekk, il-konsultazzjonijiet ma setgħux jaċċertaw li t-trasportatur huwa konformi mal-istandards rilevanti tas-sikurezza.

(52) Wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u wara aktar konsultazzjonijiet mat-trasportatur bl-ajru, l-awtoritajiet kompetenti tal-Iżrael iddeċidew li jirrevokaw l-AOC ta' Sun D'Or b'seħħ mill-1 ta' April 2011. Wara din id-deċiżjoni tagħhom, l-inġenji tal-ajru kollha ġew reġistrati fuq AOC ta' trasportatur bl-ajru Iżraeljan ieħor u Sun D'Or baqa' involut biss f'attivitajiet ta' bejgħ tal-biljetti.

(53) L-awtoritajiet kompetenti tal-Iżrael ġew mistiedna biex jagħmlu preżentazzjonijiet dwar is-superviżjoni ta' dan it-trasportatur bl-ajru lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, u huma għamlu dan fis-6 ta' April 2011. Waqt il-preżentazzjoni tagħhom, huma ddikjaraw li Sun D'Or ma kellux (jerġa') jiġi ċċertifikat. Waqt il-preżentazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' Iżrael taw informazzjoni wkoll dwar l-isforzi ġenerali tagħhom biex itejbu l-kapaċitajiet ta' superviżjoni tagħhom u biex jimmodernizzaw is-sistema tas-sikurezza tal-Iżrael.

(54) Konsegwentament, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li mhux meħtieġ li jittieħdu aktar azzjonijiet.

*Israir*

(55) Wara li l-EASA analizzat ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa fuq inġenji tal-ajru li ilhom operati fl-UE sa mill-2008 mit-trasportatur bl-ajru Israir iċċertifikat fl-Iżrael li żvelaw nuqqasijiet fil-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza serji u ripetuti, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Iżrael u semgħet lit-trasportatur bl-ajru fis-16 ta' Marzu 2010. Il-konsultazzjonijiet żvelaw li t-trasportatur bl-ajru stabbilixxa numru ta' miżuri strutturali maħsuba sabiex jiżguraw li huwa konformi b'mod sostenibbli mal-istandards rilevanti tas-sikurezza. It-trasportatur bl-ajru biddel il-maniġment (il-persuni li kellhom karigi maniġerjali) sabiex tkun tabilħaqq stabbilita politika dwar is-sikurezza bbażata fuq sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza. Huwa neħħa mill-flotta tiegħu tliet (3) inġenji tal-ajru tat-tip Airbus A-320 (bir-reġistrazzjoni 4X-ABH, 4X-ABD u 4X-ABF) li taw lok għall-parti l-kbira tas-sejbiet serji li ġew identifikati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA. Fl-aħħar nett, huwa tejjeb it-taħriġ tal-persunal ikkwalifikat sabiex ikun żgurat li l-ispezzjonijiet ta' qabel it-titjira jitwettqu b'mod xieraq; irriveda l-proċeduri tal-operazzjonijiet interni tiegħu u introduċa sistema ġdida tal-assigurazzjoni tal-kwalità flimkien ma' sistema ta' verifika tal-assigurazzjoni tal-kwalità; irriveda kompletament il-manwal tal-operazzjonijiet fuq l-art u l-manwal

[1] ĠU L 109, 19.4.2008, p. 7.
[2] ĠU L 170, 6.7.2010, p. 9.

tal-manutenzjoni tiegħu u introduċa manwal modern għaċ-ċentru ta' kontroll tal-operazzjonijiet.

(56) Fid-dawl ta' dawn il-bidliet, u fid-dawl tal-preżentazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Iżrael lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fis-6 ta' April 2011, ġie deċiż li t-trasportatur bl-ajru huwa kapaċi jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu b'mod kontinwu. L-Istati Membri se jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva ta' Israir mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' dan it-trasportatur bl-ajru f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 351/2008.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Kazakistan**

(57) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan għarrfu lill-Kummissjoni li qed jagħmlu progress f'riforma ambizzjuża tas-settur tal-avjazzjoni li ilha titwettaq mill-2009 sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-ajru. Wara l-adozzjoni ta' kodiċi ġdid tal-avjazzjoni ċivili f'Lulju 2010, qed jiġu elaborati iktar minn 100 regolament speċifiku dwar l-avjazzjoni u l-biċċa l-kbira ta' dawn ir-regolamenti diġà ġew adottati. L-awtoritajiet kompetenti qed jagħmlu wkoll progress fil-bini tal-kapaċitajiet tagħhom bir-reklutaġġ ta' spetturi kkwalifikati addizzjonali, li għandu jitkompla fix-xhur li ġejjin.

(58) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan għarrfu li huma komplew jieħdu azzjonijiet ta' infurzar. B'mod partikolari, huma għarrfu li kienu rrevokaw l-AOC ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru: Air Flamingo; Almaty Aviation; Atyrau Aye Zholy; Arkhabay; Asia Continental Avialines; Centr Pankh; Kazavia National Airlines; Kokhshetau Airlines, Orlan 2000; Zherzu Avia.

(59) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan ddikjaraw u taw evidenza li turi li dawn it-trasportaturi bl-ajru ma għadhomx involuti iktar fit-trasportazzjoni kummerċjali bl-ajru u li minħabba f'hekk ma għadx għandhom liċenzja valida tal-operat. Għalhekk, ma għadhomx ikkunsidrati iktar bħala "kumpannija tal-ajru [trasporatur bl-ajru]" fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Fid-dawl ta' dan, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn l-għaxar trasportaturi bl-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A

(60) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan għarrfu wkoll li huma reġgħu ikkunsidraw il-każ tat-trasportatur bl-ajru KazAirWest, li l-AOC tiegħu kien ġie rrevokat, u li kienu ħarġulu AOC ġdid. Abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dan it-trasportatur bl-ajru għandu jibqa' fl-Anness A.

(61) Il-Kummissjoni tappoġġja r-riforma ambizzjuża tas-sistema tal-avjazzjoni ċivili li qed titwettaq mill-awtoritajiet tal-Kazakistan u tistieden lil dawn l-awtoritajiet sabiex, b'determinazzjoni, ikomplu bl-isforzi tagħhom ħalli jimplimentaw il-pjan ta' azzjonijiet korrettivi miftiehem mal-ICAO, fejn qabel kollox jiffokkaw l-attenzjoni tagħhom fuq it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza li ma ġiex solvut u fuq iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-operaturi kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Il-Kummissjoni hija lesta li torganizza fi żmien xieraq, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u bl-appoġġ tal-Istati Membri, valutazzjoni fuq il-post sabiex ikun ivverifikat il-progress milħuq fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Kirgiżistan**

(62) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan għarrfu li l-AOC tal-erba' trasportaturi bl-ajru li ġejjin – Golden Rules Airlines (GRS), Max Avia (MAI), Tenir Airlines (TEB) u Sky Gate International (SGD) – ġew irrevokati fl-2009 u fl-2010 u li l-ICAO rrevokat il-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-ICAO tagħhom. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(63) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan għarrfu wkoll li l-AOC ta' tliet trasportaturi bl-ajru oħrajn - Itek Air, Trast Aero u Asian Air – kienu skadew imma naqsu li jipprovdu evidenza ta' dan. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(64) Minħabba li sa issa ma ġiet ikkomunikata l-ebda evidenza lill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet rimedjali xierqa mit-trasporaturi bl-ajru l-oħra ċċertifikati fil-Kirgiżistan u mill-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(65) Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan sabiex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni għas-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità kollha li ġew identifikati waqt il-verifika mwettqa mill-ICAO f'April 2009 bħala parti mill-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USOAP) tagħha. Il-Kummissjoni Ewropea, assistita mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u bl-appoġġ tal-Istati Membri, hija lesta li twettaq valutazzjoni fuq il-post ladarba l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet imressaq quddiem l-ICAO tkun waslet fi stat avvanzat biżżejjed. L-għan ta' din iż-żjara għandu jkun li tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli mill-awtoritajiet kompetenti u mill-impriżi taħt is-superviżjoni tagħhom.

**Air Madagascar**

(66) Hemm evidenza li l-Air Madagascar, iċċertifikat fil-Madagaskar, għandu għadd ta' nuqqasijiet fis-sikurezza. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu taħt il-programm tas-SAFA. Ir-riżultati li jikkonċernaw l-inġenji tal-ajru B-767 huma viżibbilment agħar minn dawk tal-inġenji tal-ajru l-oħra tat-trasportatur bl-ajru. L-għadd ta' sejbiet f'kull spezzjoni tas-SAFA, ir-ripetizzjoni tan-nuqqasijiet fis-sikurezza u l-fatt li s-sitwazzjoni ilha tiddeterjora sa mill-2010 jindikaw tħassib serju dwar is-sikurezza.

(67) L-ICAO wettqet Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza Universali fi Frar 2008 u rrapportat numru kbir ta' nuqqasijiet sinifikanti fir-rigward tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Madagaskar li jwettqu r-responsabbiltajiet tas-superviżjoni tas-sikurezza tal-ajru tagħhom.

(68) Il-Kummissjoni, fid-dawl tal-ispezzjonijiet tas-SAFA u tar-riżultati tar-rapport tal-verifika tal-ICAO, fit-28 ta' Frar 2011 bdiet konsultazzjoni formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar, fejn esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet ta' Air Madagascar u ħeġġet lit-trasportatur u lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, sabiex jieħdu miżuri b'reazzjoni għas-sejbiet tal-ICAO u sabiex isolvu b'mod sodisfaċenti n-nuqqasijiet fis-sikurezza osservati waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA.

(69) Fis-16 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ltaqgħet mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Madagaskar u mar-rappreżentanti ta' Air Madagascar sabiex tikseb assigurazzjoni li t-tnejn li huma ħadu azzjonijiet sabiex isolvu n-nuqqasijiet fis-sikurezza li ġew identifikati waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA jew li, għall-inqas, ittieħdu miżuri xierqa sabiex jittaffew ir-riskji identifikati għas-sikurezza. Sfortunatament, l-informazzjoni pprovduta waqt din il-laqgħa ma setgħetx turi li twettqet analiżi komprensiva tal-kawżi ewlenin tan-nuqqasijiet fis-sikurezza u li ġie implimentat pjan sod ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi mill-kumpanija kif ukoll li tmexxa programm xieraq ta' superviżjoni tas-sikurezza mill-awtoritajiet. Konsegwentement, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Madagaskar u l-operatur Air Madagascar kienu mistiedna jiċċaraw is-sitwazzjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru f'April 2011.

(70) Air Madagascar u l-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar instemgħu mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fil-5 ta' April 2011. Air Madagascar ippreżenta pjan aqwa ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi li huwa bbażat fuq analiżi tal-kawża tal-għeruq tal-problema, iżda ma rnexxilux jagħti evidenza li sa issa dawn l-azzjonijiet taw xi riżultati.

(71) Il-Kumitat, filwaqt li apprezza l-miżuri pożittivi li ttieħdu mit-trasportatur bl-ajru, esprima t-tħassib tiegħu dwar il-persistenza tan-nuqqasijiet serji fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru kollha operati minn Air Madagascar. It-trasportatur bl-ajru aċċetta n-nuqqasijiet identifikati li jikkonċernaw l-inġenju tal-ajru tat-tip Boeing B-767. Huwa ddikjara li jqis li r-riskji għas-sikurezza tal-bqija tal-flotta tiegħu jistgħu jittaffew bil-miżuri attwalment fis-seħħ minħabba li l-frekwenzi tat-titjiriet naqsu u/jew minħabba l-età ta' dawn l-inġenji tal-ajru.

(72) Il-Kumitat irrikonoxxa l-isforzi li t-trasportatur bl-ajru għamel biex jippreżenta soluzzjonijiet sostenibbli għan-nuqqasijiet fis-sikurezza li ġew identifikati waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA u ħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar biex itejbu l-attivitajiet ta' superviżjoni tagħhom bil-għan li jiżguraw implimentazzjoni effikaċi tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi tal-operatur mingħajr dewmien żejjed.

(73) Meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għadd kbir ta' nuqqasijiet fis-sikurezza ripetuti li ġew osservati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tal-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B-767 operati minn Air Madagascar u l-ħila insuffiċjenti tal-kumpanija li sa llum timplimenta pjan xieraq ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi kif ukoll in-nuqqas ta' applikazzjoni fit-twettiq ta' superviżjoni tas-sikurezza mill-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar fuq l-operat ta' dan it-trasportatur bl-ajru, il-Kummissjoni, fuq l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, tikkunsidra li, it-trasportatur bl-ajru ma għandux jingħata permess biex juża l-inġenji tal-ajru tiegħu tat-tip Boeing B-767 fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li l-Air Madagascar għandu jitqiegħed fl-Anness B u l-operazzjonijiet tiegħu għandhom ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet li jeskludu l-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Boeing B-767. It-trasportatur bl-ajru għandu jitħalla jtir lejn l-Unjoni Ewropea bl-użu tal-inġenji tal-ajru tat-tipi l-oħra li jidhru fuq l-AOC tiegħu skont l-Anness B.

(74) L-Istati Membri għandhom ikomplu jivverifikaw il-konformità effikaċi tal-Air Madagascar mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-arju ta' dan it-trasportatur bl-ajru f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 351/2008.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Możambik**

(75) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' ħila mill-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Możambik biex jimplimentaw u jinforzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza, kif juru r-riżultati tal-verifika mwettqa mill-ICAO taħt il-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USOAP) f'Jannar 2010. Din il-verifika rrapportat għadd kbir ta' nuqqasijiet sinifikanti fir-rigward tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Możambik biex iwettqu r-responsabbiltajiet ta' superviżjoni tas-sikurezza tal-ajru tagħhom. Fiż-żmien li nħareġ ir-rapport finali tal-ICAO, iktar minn 77 % tal-istandards tal-ICAO ma kinux ġew implimentati b'mod effikaċi. Dwar ċerti elementi kritiċi, bħall-provvista ta' persunal tekniku kwalifikat, iktar minn 98 % tal-istandards tal-ICAO ma ġewx implimentati b'mod effikaċi. Fir-rigward tas-soluzzjoni tat-tħassib dwar is-sikurezza, iktar minn 93 % tal-istandards tal-ICAO ma ġewx implimentati b'mod effikaċi

(76) Wara l-verifika tal-USOAP tal-Możambik, l-ICAO innotifikat lill-Istati kollha li jagħmlu parti mill-Konvenzjoni ta' Chicago li kien hemm tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza li kien qed jaffettwa s-superviżjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi liċenzjati fil-Możambik, jiġifieri li l-proċess ta' ċertifikazzjoni użat fil-Możambik [1] sabiex jinħareġ Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) ma jindirizzax id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Anness 6 tal-ICAO. B'mod partikolari, il-15-il operatur tal-ajru fil-Możambik, inklużi l-operaturi tal-ajru internazzjonali, għadhom joperaw b'Ċertifikati ta' Operatur tal-Ajru (AOC) li nħarġu skont ir-regolamenti preċedenti li ġew irrevokati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik (IACM) ma kinux evalwaw il-punti speċifiċi kollha relatati mal-proċess ta' ċertifikazzjoni qabel ma jinħareġ AOC, u

(1) Sejba tal-ICAO OPS/01.

l-IACM ma jistgħux jiżguraw li l-15-il detentur tal-AOC kollha huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 6 u mar-regolamenti nazzjonali qabel ma jwettqu operazzjonijiet ta' titjiret internazzjonali. Barra minn hekk, l-IACM ilhom iktar minn sentejn ma jwettqu spezzjonijiet ta' sorveljanza tal-operaturi tal-ajru.

(77) Hemm evidenza ta' ħila insuffiċjenti min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik biex isibu rimedju effikaċi għas-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità li għamlet l-ICAO, kif juri l-fatt li l-ICAO ma kkunsidratx bħala aċċettabbli lil parti sinifikanti tal-pjanijiet ta' azzjonijiet korrettivi proposti minn dawn l-awtoritajiet sabiex tinstab soluzzjoni għas-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati minnha. Eżempju partikolari ta' dan huwa t-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza identifikat mill-ICAO, li għadu ma ġiex solvut. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik għarrfu li kien hemm xi dewmien fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi.

(78) Il-Kummissjoni, fid-dawl tar-riżultati tal-verifika tal-USOAP tal-ICAO, f'Marzu 2010, bdiet konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik (IACM), fejn esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fl-Istat, u talbet li jingħataw kjarifiki dwar l-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw is-sejbiet identifikati mill-ICAO.

(79) L-IACM ippreżentaw id-dokumentazzjoni bejn April 2010 u April 2011 u għamlu l-preżentazzjonijiet tagħhom lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fis-6 ta' April 2011. L-IACM indikaw li wara li ressqu l-pjan ta' azzjonijiet korrettivi lill-ICAO, huma bdew iwettqu l-ewwel passi fl-implementazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, huma għarrfu li r-riforma tal-IACM qiegħda titwettaq, bil-għan li l-indipendenza u l-kapaċità ta' superviżjoni tagħha tissaħħaħ b'mod sinifikanti, u li sakemm iseħħ reklutaġġ ta' biżżejjed spetturi kwalifikati, l-IACM kienet ikkuntrattat ma' konsulenti esterni biex jgħinu fl-attivitajiet ta' superviżjoni. Madankollu, skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, l-IACM ma ppreżentawx evidenza li attwalment, min-naħa tagħhom biss, għandhom biżżejjed riżorsi biex jiżguraw is-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru kollha li huma ċċertifikati fil-Możambik. Huma għarrfu li 13-il trasportatur bl-ajru huma ċċertifikati fil-Możambik u li fl-2010, bl-għajnuna ta' dawn il-konsulenti, setgħu jiċċertifikaw mill-ġdid lil 8 minnhom skont ir-Regolamenti tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Możambik, inkluż tliet trasportaturi bl-ajru li jagħmlu titjiriet internazzjonali - Mozambique Express u Trans Airways. Madankollu, skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, huma ma ppreżentawx evidenza li dawn it-trasportaturi bl-ajru huma soġġetti għal superviżjoni kontinwa kif mitlub mill-istandards ta' sikurezza applikabbli. Finalment, huma kkonfermaw li ħames (5) trasportaturi bl-ajru, li huma ddikjarati li jinvolvu ruħhom f'operazzjonijiet domestiċi biss, għadhom qed joperaw b'AOC li kienu nħarġu bir-regolamenti preċedenti li ġew imħassra; madankollu, dawn iċ-ċertifikati ma ġewx provduti mill-IACM. Barra minn hekk, it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza osservat mill-ICAO f'dak ir-rigward għadu ma ġiex eliminat.

(80) Mozambique Airlines (LAM) għamel sottomissjonijiet bil-miktub u preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fis-6 ta' April 2011. LAM ikkonferma li fis-6 ta' April 2010 ġie ċċertifikat mill-ġdid skont ir-Regolamenti tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Możambik. Madankollu, dan l-AOC, li skada fil-5 ta' April, ġie mġedded fis-6 ta' April 2011 mill-IACM b'limitazzjoni li teskludi l-operat f'viżibbiltà baxxa fil-Cat III peress li kien ġie kkonfermat li t-trasportatur ma kellux l-approvazzjonijiet biex iwettaq dan it-tip ta' operat. Mozambique Express (MEX) għamel sottomissjonijiet bil-miktub u preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fis-6 ta' April 2011. MEX ikkonferma li f'April 2010 ġie ċċertifikat mill-ġdid skont ir-Regolamenti tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Możambik, għalkemm erba' inġenji tal-ajru tat-tip Embraer 120 qed jitħaddmu mingħajr tagħmir E-GPWS (TAWS).

(81) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jirrikonoxxu l-isforzi li saru sabiex tiġi rriformata s-sistema tal-avjazzjoni ċivili fil-Możambik u l-ewwel passi li twettqu sabiex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sikurezza rrapportati mill-ICAO. Madankollu, abbażi tal-kriterji komuni, sakemm jiġu tabilħaqq implimentati azzjonijiet korrettivi adegwati sabiex jinstab rimedju għan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u b'mod partikolari għat-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza, ġie deċiż li l-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik, f'dan l-istadju, mhumiex kapaċi jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza fuq it-trasportaturi bl-ajru kollha taħt il-kontroll regolatorju tagħhom. Għalhekk, it-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fil-Możambik għandhom ikunu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u għalhekk għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

(82) L-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall irrapportaw li qablu li jipprovdu assistenza teknika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik u li diġà bdew jagħmlu dan. Din l-assistenza teknika għandha tinkludi, b'mod partikolari, taħriġ ta' persunal ikkwalifikat u proċeduri għat-twettiq tas-superviżjoni.

(83) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jinkoraġġixxu lill-Możambik sabiex tkompli tikkoopera bis-sħiħ mal-ICAO bil-għan li jikkonvalidaw pjan ta' azzjonijiet korrettivi xieraq sabiex jiġu eliminati n-nuqqasijiet identifikati minn dik l-Organizzazzjoni u sabiex jikkonvalidaw il-progress fl-implimentazzjoni tiegħu permezz ta' missjoni ICVM meta jkun il-waqt. Il-Kummissjoni Ewropea, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, kif ukoll tal-Istati Membri, hija lesta tikkunsidra li tagħti l-assistenza teknika jekk din tkun meħtieġa f'dak ir-rigward.

(84) Il-Kummissjoni, fuq l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, tkun lesta tirrevedi s-sitwazzjoni abbażi ta' evidenza vverifikata li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ppreżentat lill-ICAO jkun wasal fi stadju avvanzat.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Federazzjoni Russa**

(85) Wara żjara mill-Kummissjoni fil-Federazzjoni Russa f'Diċembru 2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa ppreżentaw informazzjoni dwar l-AOC ta' ċerti trasportaturi bl-ajru Russi li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA tagħhom kienu jindikaw diversi sejbiet ta' natura importanti waqt kull spezzjoni. Barra minn hekk, waqt il-konsultazzjonijiet ma' dawn l-awtoritajiet fit-8 ta' Marzu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa impenjaw irwieħhom li jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja: a) informazzjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tal-awtoritajiet Russi fir-rigward tat-trasportaturi bl-ajru Russi identifikati; b) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi minn dawn it-trasportaturi bl-ajru sabiex ikunu solvuti l-problemi identifikati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA; u c) il-lista ta' AOC ta' ċerti trasportaturi bl-ajru Russi li jtiru lejn l-UE.

(86) Abbażi tal-AOC sottomessi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa, dawn l-inġenji tal-ajru li jidhru fl-AOC ta' ċerti trasportaturi bl-ajru bħalissa mhumiex konformi mal-istandards tal-ICAO u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru qiegħed jheġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipprova tiċċara l-operazzjonijiet internazzjonali ta' dawn l-inġenji tal-ajru mal-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa.

(a) Aircompany Yakutia: l-inġenju tal-ajru Antonov AN-140 bir-reġistrazzjoni RA-41250; AN-24RV bir-reġistrazzjoni RA-46496, RA-46665, RA-47304, RA-47352, RA-47353, RA-47360; RA-47363 AN-26 bir-reġistrazzjoni RA-26660; l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-154M bir-reġistrazzjoni RA-85007, RA-85707 u 85794.

(b) Atlant Soyuz: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-154M bir-reġistrazzjoni RA-85672 u RA-85682 li qabel kienu operati minn Atlant Soyuz huma t-tnejn li huma inġenji tal-ajru li attwalment huma operati minn trasporaturi bl-ajru oħrajn iċċertifikati fil-Federazzjoni Russa.

(c) Gazpromavia: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-154M bir-reġistrazzjoni RA-85625 u RA-85774; Yakovlev Yak-40 bir-reġistrazzjoni RA-87511, RA-88300 u RA-88186; Yak-40K bir-reġistrazzjoni RA-21505, RA-98109 u RA-8830; Yak-42D bir-reġistrazzjoni RA-42437; il-ħelikopters kollha (22) tat-tip Kamov Ka-26 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha (49) tat-tip Mi-8 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha (11) tat-tip Mi-171 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha (8) tat-tip Mi-2 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha (1) tat-tip EC-120B: RA-04116.

(d) Kavminvodyavia: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-154B bir-reġistrazzjoni RA-85494 u RA-85457.

(e) Krasnoyarsky Airlines: l-inġenju tal-ajru tat-tip TU-154M RA-85672 li qabel kien fuq l-AOC ta' Krasnoyarsky Airlines, li kien irrevokat fl-2009, attwalment huwa operat minn Atlant Soyuz; l-inġenju tal-ajru tal-istess tip bir-reġistrazzjoni RA-85682 huwa operat minn trasportatur bl-ajru ieħor iċċertifikat fil-Federazzjoni Russa.

(f) Kuban Airlines: l-inġenji tal-ajru Yakovlev Yak-42 bir-reġistrazzjoni RA-42331, RA-42350, RA-42538, u RA-42541..

(g) Orenburg Airlines: l-inġenju tal-ajru Tupolev TU-154B bir-reġistrazzjoni RA-85602; l-inġenji tal-ajru kollha tat-tip TU-134 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); l-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Antonov An-24 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); l-inġenji tal-ajru kollha tat-tip An-2 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha tat-tip Mi-2 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha tat-tip Mi-8 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa).

(h) Moscovia Airlines: l-inġenji tal-ajru aircraft Antonov AN-12 RA-12193 u RA-12194.

(i) Tatarstan Airlines: l-inġenji tal-ajru Yakovlev Yak-42D bir-reġistrazzjoni RA-42374 u RA-42433..

(j) Ural Airlines: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-154B bir-reġistrazzjoni RA-85508 (l-inġenji tal-ajru RA-85319, RA-85337, RA-85357, RA-85375, RA-85374 u RA-85432 attwalment mhumiex operati għal raġunijiet finanzjarji).

(k) UTAir: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-154M bir-reġistrazzjoni RA-85733, RA-85755, RA-85806, RA-85820; l-inġenji tal-ajru kollha (24) tat-tip TU-134: RA-65024, RA-65033, RA-65127, RA-65148, RA-65560, RA-65572, RA-65575, RA-65607, RA-65608, RA-65609, RA-65611, RA-65613, RA-65616, RA-65620, RA-65622, RA-65728, RA-65755, RA-65777, RA-65780, RA-65793, RA-65901, RA-65902, u RA-65977; l-inġenji tal-ajru RA-65143 u RA-65916 huma operati minn trasportatur bl-ajru Russu ieħor; it-TU-134B kollha (1): RA-65726; l-inġenji kollha (10) tat-tip Yakovlev Yak-40: RA-87348 (bħalissa mhux jopera minħabba raġunijiet finanzjarji), RA-87907, RA-87941, RA-87997, RA-88209, RA-88227 u RA-88280; l-inġenji tal-ajru tal-istess tip RA-87292 u RA-88244 ġew irtirati; il-ħelikopters kollha tat-tip Mil-26: (reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha tat-tip Mil-10: (reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha tat-tip Mil-8 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha tat-tip AS-355 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); il-ħelikopters kollha tat-tip BO-105 (numri tar-reġistrazzjoni mhux magħrufa); l-inġenji tal-ajru tat-tip AN-24B RA-46388 u RA-87348 mhumiex operati għal raġunijiet finanzjarji; RA-46267 u RA-47289 u l-inġenji tal-ajru tat-tip AN-24RV RA-46509, RA-46519 u RA-47800 huma operati minn trasportatur bl-ajru Russu ieħor.

(l) Rossija (STC Russia): l-inġenju tal-ajru Tupolev TU-134 bir-reġistrazzjoni RA-65979, l-inġenji tal-ajru RA-65904, RA-65905, RA-65911, RA-65921 u RA-65555 huma operati minn trasportatur bl-ajru Russu ieħor; l-inġenju tal-ajru Ilyushin IL-18 bir-reġistrazzjoni RA-75454 huwa operat minn trasportatur bl-ajru Russu ieħor; l-inġenji tal-ajru Yakovlev Yak-40 bir-reġistrazzjoni RA-87203, RA-87968, RA-87971, RA-87972 u RA-88200 huma operati minn trasportatur bl-ajru Russu ieħor.

(m) Russair: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-134 A bir-reġistrazzjoni RA 65124, RA-65908, RA-65087, RA-65790, RA-65576, RA-65102, RA-65550 u RA-65691.

(n) Kosmos: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-134-A3 bir-reġistrazzjoni RA-65805,RA-65010, RA-65097, RA-65557, RA-65566, TU-134-B bir-reġistrazzjoni RA-65574.

(o) It-224th-Flight Unit State Airlines: l-inġenji tal-ajru Ilyushin IL-76MD bir-reġistrazzjoni RA-76638 u RA-78750.

(p) Daghestan Airlines: l-inġenju tal-ajru Tupolev TU-134B bir-reġistrazzjoni RA-65569.

(q) Kogalymavia: l-inġenji tal-ajru Tupolev TU-134A3 bir-reġistrazzjoni RA-65943, RA-65045, RA-65943, RA65944 u RA-65944; l-inġenju tal-ajru Tupolev TU-154B2 bir-reġistrazzjoni RA-85522.

(87) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jieħdu nota tas-sottimissjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Federazzjoni Russa u se jkomplu jfittxu s-soluzzjoni sostenibbli tan-nuqqasijiet ta' konformità fis-sikurezza identifikati permezz ta' iktar konsultazzjonijiet tekniċi mal-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa.

(88) Sadanittant, l-Istati Membri se jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi bl-ajru Russi mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-arju ta' dawn it-trasportaturi, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 351/2008, u l-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-azzjonijiet li se jieħdu.

**Ukrainian Mediterranean Airlines**

(89) It-trasportatur bl-ajru Ukrainian Mediterranean Airlines (UMAir) talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamel sottomissjonijiet bil-miktub bil-quddiem. Huwa għarraf li b'referenza għall-pjanijiet ta' tiġdid tal-flotta tiegħu, l-inġenji tal-ajru tat-tip DC-9 51 ma għadhomx jintużaw. Barra minn hekk, għarraf li t-trasportatur bl-ajru ġie ċċertifikat mill-ġdid mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili Ukraina (UKR SAA) f'Jannar 2011 u rċieva AOC valida għal sentejn.

(90) UMAir ipprovda wkoll dokumentazzjoni intiża biex turi li l-azzjonijiet korrettivi kollha li rriżultaw miż-żjarat tal-UE f'Mejju u f'Ottubru 2009 ingħalqu. Barra minn hekk, ipprovda dokumentazzjoni dwar il-verifika tal-istatus ta' implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi li jindirizzaw is-sejbiet li ġew identifikati mill-UKR SAA waqt attivitajiet ta' sorveljanza. Huwa ppreżenta wkoll rapport ta' investigazzjoni dwar inċident serju li seħħ f'Bejrut fil-21 ta' Settembru 2010. Skont dan ir-rapport, l-inżul ta' emerġenza ta' DC-9-51 bir-reġistrazzjoni UR-CBY, ftit wara t-tluq, kien dovut għall-fatt li l-magna ntfiet x'aktarx minħabba li l-inġenju tal-ajru ħabat ma' xi għasafar. Madankollu, ir-rapport żvela wkoll li fil-Manwal tal-Operazzjonijiet tal-UMAir ma ġietx inkluża proċedura kritika għal meta l-magna tkun wieqfa.

(91) Peress li r-rapport ta' spezzjoni fir-rampa li saret fl-UE ([1]) fit-28 ta' Frar 2011 fuq l-inġenju tal-ajru UR-CHN, li huwa operat mit-trasportatur bl-ajru, żvela nuqqasijiet serji, il-Kummissjoni talbet lit-trasportatur bl-ajru biex jagħtiha aktar informazzjoni. Bħala risposta għal din it-talba, it-trasportatur bl-ajru pprovda dokumentazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet u ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà għall-inġenju tal-ajru MD83 bir-reġistrazzjoni UR-CHN li turi li huwa mgħammar bit-tagħmir mandatorju tal-ICAO..

(92) It-trasportatur ġie mistieden jattendi laqgħa teknika fil-25 ta' Marzu 2011 sabiex jiċċara l-kwistjonijiet pendenti. Waqt u wara l-laqgħa, it-trasportatur ipprovda dettalji dwar ir-riżultati ta' verifiki interni, spezzjonijiet u kontrolli fir-rampa u l-miżuri korrettivi rispettivi li twettqu u indika li l-Manwal tal-Operazzjonijiet attwali tiegħu jinkludi l-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza kollha neċessarji u jipprovdi għal taħriġ rikorrenti fuq similaturi.

(93) UKR SAA talbet sabiex tagħmel preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, u għamlet hekk fis-6 ta' April 2011 meta ppreżentat il-proċess ta' spezzjonijiet u verifika u rapportar tal-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi mit-trasportaturi bl-ajru li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' superviżjoni tas-sikurezza tagħha. UKR SAA kkonfermat li UMAir kien irretifika s-sejbiet kollha identifikati waqt iż-żjarat tal-UE f'Mejju u Ottubru 2009. UKR SAA ddikjarat ukoll li hi kompliet twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha bħala Stat tar-Reġistrazzjoni u Stat tal-Operatur fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' kiri ta' inġenji tal-ajru flimkien mal-ekwipaġġ mingħand it-trasportatur bl-ajru UMAir.

(94) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru japprezza l-progress li għamlet l-UMAir sabiex timplimenta l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u japprezza s-sospensjoni tal-operazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru DC-9-51, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet min-naħa ta' UKR SAA, u jqis li l-operazzjonijiet ta' dan it-trasportatur bl-ajru ma għandhomx jibqgħu soġġetti għal restrizzjonijiet. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li Ukrainian Mediterranean Airlines (UM Air) għandu jitneħħa mill-Anness B.

(95) L-Istati Membri se jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva ta' UMAir mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' dan it-trasportatur bl-ajru f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 351/2008.

([1]) SCAA-2011-30.

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar it-trasportaturi l-oħra inklużi fl-Annessi A u B**

(96) Sa issa ma ntbagħtet l-ebda evidenza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet korrettivi xierqa mit-trasportaturi bl-ajru l-oħra inklużi fil-lista Komunitarja, aġġornata fis-22 ta' Novembru 2010, u mill-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru, minkejja t-talbiet speċifiċi li għamlet il-Kummissjoni. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, ġie deċiż li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom jibqgħu jkunu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat (l-Anness A) jew għal restrizzjonijiet fuq l-operat (l-Anness B), skont il-każ.

(97) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness A għandu jinbidel bit-test imniżżel fl-Anness A għal dan ir-Regolament.

2. L-Anness B għandu jinbidel bit-test imniżżel fl-Anness B għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Siim KALLAS
*Viċi-President*

*ANNESS A*

## IL-LISTA TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET KOLLHA TAGĦHOM HUMA SOĠĠETTI GĦAL PROJBIZZJONI FL-UE [1]

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| BLUE WING AIRLINES | SRBWA-01/2002 | BWI | Is-Surinam |
| MERIDIAN AIRWAYS LTD | AOC 023 | MAG | Ir-Repubblika tal-Gana |
| Silverback Cargo Freighters | Mhux magħruf | VRB | Ir-Repubblika tar-Rwanda |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-superviżjoni regolatorja, inklużi** | | | **Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan** |
| ARIANA AFGHAN AIRLINES | AOC 009 | AFG | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| KAM AIR | AOC 001 | KMF | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| PAMIR AIRLINES | Mhux magħruf | PIR | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| SAFI AIRWAYS | AOC 181 | SFW | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-superviżjoni regolatorja, bl-eċċezzjoni ta' TAAG Angola Airlines li ddaħħal fl-Anness B, inklużi** | | | **Ir-Repubblika tal-Angola** |
| AEROJET | AO 008-01/11 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR26 | AO 003-01/11-DCD | DCD | Ir-Repubblika tal-Angola |
| Air Gicango | 009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR JET | AO 006-01/11-MBC | MBC | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR NAVE | 017 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| ANGOLA AIR SERVICES | 006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| Diexim | 007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| FLY540 | AO 004-01 FLYA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| GIRA GLOBO | 008 | GGL | Ir-Repubblika tal-Angola |
| HELIANG | 010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| HELIMALONGO | AO 005-01/11 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| MAVEWA | 016 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| SONAIR | AO 002-01/10-SOR | SOR | Ir-Repubblika tal-Angola |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Benin responsabbli għas-superviżjoni regolatorja, inklużi** | | | **Ir-Repubblika tal-Benin** |
| AERO BENIN | PEA No 014/ MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS | AEB | Ir-Repubblika tal-Benin |
